# Paċi u Ġid

No. 97: Lulju 2021

"Jekk noqogħdu fix-xemx insiru somor, jekk noqogħdu quddiem Ġesù Ewkaristija nsiru Qaddisin."

Beatu Carlo Acutis



## Il-messaġġ tal-Madre Provinċjali
## Sr Claudia Zammit



Għeżież Qarrejja,

Għadna kif iċċelebrajna s-Solennità tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù li fiha fakkarna l-Qalb li tħobb b'imħabba bla qies. Din il-Qalb li kienet tingħafas quddiem it-tbatija tal-bniedem, il-Qalb li taħfer u mimlija mħabba lejn dawk li tbiegħdu mit-triq it-tajba, il-Qalb li turi ħniena u maħfra magħna wkoll illum.  Ġesù jrid jersaq lejna bl-imħabba tiegħu u jistedinna biex inħalluh iħobbna u biex fih  insibu l-mistrieħ tagħna. Santu Wistin jgħid, **"Fik biss tinsab il-hena u l-mistrieħ tagħna. Int għamiltna għalik, O Alla, u qalbna ma ssibx mistrieħ jekk mhux fik''.**

Bla dubju Madre Margerita wkoll sabet fiH il-paċi u l-ferħ f'ħajjitha. Hija ttennielna:

> **Fis-skiet wieħed jitgħallem jitkellem. Għaddi l-ħin liberu tiegħek mal-ħelu Ġesu', Priġunier fit-Tabernaklu Mqaddes, hekk inti tħoss dak il-ferħ intern tal-erwieħ fidili u ġenerużi.** (B96)

Il-ferħ u l-paċi jkunu fi qlubna jekk niftħu qalbna għal Alla u għal ħutna l-bnedmin. San Ġwanni Pawlu II fit-22 ta' Ottubru 1978, fil-bidu tal-Pontifikat tiegħu qalilna: *"La tibżgħux. Iftħu l-bibien beraħ għal Kristu.''* Kristu mhux ser jidħol f'qalbna jekk aħna ma naċċettawx l-istedina tiegħu. Jekk inħalluh jidħol f'qalbna, din issir tixbah lil tiegħu. Huwa hu li jgħinna nnislu f'qalbna sentimenti ta' mogħdrija, ħniena, imħabba lejn dawk li juruna nuqqas ta' mħabba u għajnuna lill-proxxmu bla ebda distinzjoni. Kristu jgħinna nxettlu f'qalbna valuri nsara bħall-għożża lejn il-familja kif ukoll lejn l-ambjent, hekk li  l-istess valuri jgħinu fil-binja ta' soċjetà b'saħħitha.



Biex naslu għal dan, waħda mill-akbar għajnuniet hija l-Ewkaristija li hi ċ-ċentru tad-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù.  Hu permezz ta' dan is-sagrament li hu l-għixien tar-ruħ tagħna u li baqa' magħna biex inkunu nistgħu ngawdu l-preżenza Tiegħu u nagħtuH l-adorazzjoni tagħna. Min-naħa tagħna, mhux dejjem nuruha mħabba lil din il-Qalb. Aħna, bħala membri tal-Kongregazzjoni




tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, li d-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù hija parti mill-kariżma tagħna, nagħmlu ħilitna biex kif ittenielna l-Fundatriċi tagħna, Madre Margerita, **"Inħobbu l-Imħabba li mhix maħbuba"** u nirriparaw għall-offiżi li din il-qalb tirċievi minn tant bnedmin. Għalhekk, inħeġġu lilkom qarrejja tagħna, biex tingħaqdu magħna fir-riparazzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù u hekk nagħmluh magħruf u maħbub minn kulħadd u kullimkien kif dejjem xtaqet u ħeġġitna Madre Margerita.

Fi ftit jiem oħra nibdew iż-żmien ta' vaganzi u xi ftit mistrieħ. Hawn ta' min infakkru li mal-Mulej m'hemmx vaganzi. Inħeġġu lil xulxin biex anki fix-xhur tas-Sajf lil Alla nagħtuH il-post li jixraqlu f'ħajjitna billi inkomplu nikbru fir-relazzjoni tagħna miegħu u ngħixu ta' vera nsara.

Tagħkom fi Kristu,
Sr Claudia Zammit
*Superjura Provinċjali*

*****************************************************************************************************************************



**Żewġ grazzji - jew mirakli?**
**L-inċident tal-Bandalora ġewwa Kerċem, Għawdex.**

Nhar il-ġimgħa 4 ta' Lulju 2014, filgħodu kont qiegħda fid-dar nieħu l-breakfast flimkien man-neputija Giulia li dak iż-żmien kellha tmien snin. F'daqqa u l-ħin it-tifla xerqet fil-popcorn u malli rajtha hekk bħal ippanikkjajt u bdejt nagħtiha fuq daharha u bejn il-ġwienaħ biex forsi taqla' dik il-popcorn li kienet weħlitilha. Miskina hija bdiet tipprova kemm tista' imma kien kollu għalxejn u għalhekk ħadtha niġri għand il-ġirien tagħna Lina u Victor, bit-tama li forsi Victor b'id ta' raġel, jirnexxielu jneħħihielha iżda kien kollu għalxejn. Erġajt ħadt lit-tifla lura d-dar u jiena b'leħen għoli, quddiem 'altar' żgħir li għandna fl-intrata fejn għandna santa ta' Madre Margerita, għedt: "Madre Margerita neħħihielha." Fil-pront Giulia neħħietha u qaltli, "Hawn hi nanna" u kollox ġie għan-normal. Dan il-fatt jiena ngħoddu bħala grazzja li jiena qlajt bl-interċessjoni ta' Madre Margerita, għax ħelsitna minn biċċa inkwiet.

Wara ftit wasal lura mill-quddies ir-raġel tiegħi Tony u rrakkontajtlu x'kien ġralna.



Fil-pront qalli li b'kumbinazzjoni dak il-jum kien hemm ċelebrazzjoni b'quddiesa ta' radd il-ħajr ġewwa Kerċem fl-okkażjoni li Madre Margerita tal-Qalb ta' Ġesù ġiet iddikjarata Venerabbli. Qalli: "Trid immorru?" Jien fil-pront aċċettajt u għedtlu: "Iva mmorru ħalli nirringrazzja lil Madre Margerita talli ħelsitilna lil Giulia minn ħalq il-mewt." Għalhekk stedinna lill-ħabib tal-familja Ġużeppi Caligari biex jiġi magħna u tlaqna mal-vapur tal-ħamsa ta' filgħaxija.
Wasalna Kerċem fis-sebgħa fejn sibna post tajjeb u ċ-ċelebrazzjoni kellha tibda fis-sebgħa u nofs.

Mela f'daqqa waħda, meta konna ilna hemm xi kwarta, inħoss rasi tfaqqa' qisha dulliegħa, missejt rasi u nara idi mimlija demm u fejn saqajja, wara ħoss qawwi, nara lasta ta' bandalora. Żewġ nisa li kienu viċin, malajr poġġewni fuq siġġu fuq il-bankina, fejn minn fuq il-mikrofonu smajt leħen isejjaħ tabib. Sfortunatament ma tfaċċax tabib, però resqu żewġ sorijiet Franġiskani li qalu li huma nurses u ġabu xugaman bis-silġ imgeżwer fih u bdew jippressaw ma' rasi biex iżommu d-demm li kien nieżel bħal gelgul sa ċappasli ħwejġi kollha.

Ftit ħin wara ġiet ambulanza fejn għamluli l-ewwel għajnuna billi nfaxxawli rasi. F'kemm ili ngħid ħaduni l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u nurse naddfitli l-ferita li kienet wiesgħa madwar żewġ pulzieri, imbagħad eżaminani t-tabib tal-għassa, għamluli X-Ray u ħietli ħames punti f'rasi. Mir-riżultat tal-X-Ray ma rriżultax li kelli xi qsim fl-għadam u għalhekk erġajt irringrazzjajt lill-Venerabbli Madre Margerita tal-interċessjoni tagħha.



Wara kikkra kafè sħuna, tlaqna lejn il-vapur għal Malta u ftit wara ċemplilna l-Kappillan tal-Isqof, Dun Giovanni, li qabbadna dak il-ħin stess mal-Isqof Mario Grech biex inserraħlu rasu li ninsabu mhux ħażin.

L-għada stess ċemplilna Dr Martin Cefai, it-tabib tal-familja, u wara li eżaminani ordnali kors antibijotiċi minħabba xi infezzjoni. Ġimgħa wara reġa' ġie jżurni, ra li l-punti kienu nixfu u qatagħhomli. Nixtieq inżid ngħid li jiena fl-ebda mument ma sturdejt jew ħassejt xi wġigħ fejn is-soltu nippanikkja u naqbad nibki. Anzi dakinhar ħassejtni mimlija kuraġġ u kalma għall-aħħar.
Nagħlaq billi ngħid li nħoss li kollox għadda b'wiċċ il-ġid bl-interċessjoni ta' Suor Madre Margerita li talbet lil Alla għalija biex sar kważi miraklu miegħi, għax kif qaluli n-nies li dan l-inċident seta' kien fatali.

(Silta meħuda mill-ktieb ***Kullana ta' Kitbiet***)

**Madre Margerita u l-Ewkaristija**
Sr Josephine Xuereb



Il-Malti jgħid, *"il-ġurnata minn filgħodu turik"* u dan joqgħod perfettament għal Madre Margerita, fundatriċi tagħna s-sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù.

L-anzjani tar-raħal ta' Kerċem xehdu li sa minn ċkunitha, Madre Margerita, Virġinja fis-seklu, kienet turi mħabba partikulari lejn Ġesù Ewkaristija. Jirrakuntaw illi meta kienet tkun taħdem il-bizzilla fuq iz-zuntier tal-Knisja ġewwa Kerċem, hija kienet toqgħod f'pożizzjoni li ħarsitha tkun lejn it-tabernaklu. Din l-imħabba baqgħat dejjem tikber magħha u l-Ewkaristija kienet iċ-ċentru ta' ħajjitha. Bħala persuna Kristo-ċentrika hija kienet ta' spiss tfittex lil Ġesù fit-Tabernaklu u kull meta kien jinqala' xi saram araha tiġri lejn it-Tabernaklu minn fejn kienet tfittex l-għajnuna ta' Ġesù Ewkaristija.



F'ħafna rakkonti li nsibu dwar il-ħajja tagħha naraw ukoll il-fiduċja kbira li kellha lejn Ġesù fl-Ewkaristija. Fost dawn hemm iż-żmien tal-bidu fid-Dar tal-Adorazzjoni fejn meta ma kellhomx flus biex jixtru l-ikel, hija marret tpoġġi ċ-ċavetta tal-kaxxa tal-ġbir li kien hemm fil-Kappella tal-adorazzjoni, quddiem Ġesù fit-Tabernaklu filwaqt li tennietlu: **"Jekk Inti trid li l-għarajjes tiegħek jibqgħu hawn miegħek, ipprovdilhom x'jieklu".** Dakinhar filgħaxija, meta marret tiftaħ il-kaxxa tal-ġbir, sabitha mimlija. Bħal dawn ir-rakkonti hemm diversi. Fl-istess Dar tal-Adorazzjoni, jirrakontaw kemm il-Madre kienet tfittex li tgħaddi ħin twil f'riġlejn Ġesù. Mhux l-ewwel darba li kienet tidħol minflok xi sorella li kien imissha tidħol tadura għax ma kinitx tkun fil-ħin, donnha tfittex kull mod biex hi tgħaddi aktar ħin f'riġlejH. Mill-ittri li Madre Margerita kienet tikteb lis-sorijiet, wieħed jista' jinduna kemm ħajjitha kienet mgħaddsa fl-Ewkaristija. Wieħed mill-pariri tagħha kien: ***"Fittex dejjem il-kumpanija ta' Ġesù fit-Tabernaklu tiegħu; minn hemm ħu l-għajnuna, il-faraġ u d-dawl li għandek bżonn."*** Fil-festa ta' Corpus Domini kitbet hekk:

> Xi żmien sabiħ għaddejjin minnu! Niftakru fl-imħabba safja tal-Ewkaristija! U kemm hu mħallas ħażin dan Ġesù! Kemm jeħtieġ li wieħed ipatti! Inħobbu, inħobbu u npattu b'imħabba safja u ġeneruża! Qabdu f'dawn il-qlub ċkejknin dan in-nar Ewkaristiku ħalli lkoll inkunu qaddisin u safja. Ħalli mal-mixja tas-snin dawn jikbru fl-imħabba u hekk ikunu jistgħu jagħrfu jwasslu dan in-nar kull fejn jinsabu.

Madre Margerita kienet tħeġġeġ lis-sorijiet biex jagħmlu riparazzjoni għall-offiżi li Ġesù jirċievi minna l-bnedmin u li jrawmu fit-tfal ċkejknin li jkunu taħt il-kura tagħhom imħabba lejn Ġesù Ewkaristija. Darb'oħra kitbet hekk:

> Il-qalb tiegħek għandha tiġi ssollevata lejn it-Tabernaklu. Speċjalment f'xi dwejjaq jew tentazzjoni, is-solliev tiegħek għandek tfittxu biss fih. Hija dejjem tat il-parir biex f'kull sitwazzjoni li s-sorijiet kienu jsibu ruħhom fiha, ifittxu l-qawwa tagħhom f'Ġesù Ewkaristija.

Ejjew niddakkru minn Madre Margerita u nfittxu li nersqu aktar qrib ta' Ġesù fl-Ewkaristija u nderru anke lit-tfal ċkejknin biex jikbru fl-imħabba tagħhom lejn Ġesù u nagħmlu ħilitna biex wara l-Ewwel Tqarbina ma tibqax okkażjoni ta' darba iżda ngħinuhom biex jirċievu lil Ġesù ta' spiss.

***********************************************************************************************************************

**An eTwinning School**

**St. Francis School Cospicua - Leaders in the eTwinning World**



The concept of attaining the status of an eTwinning School is a developmental journey with components that can be objectively assessed. Our school has been actively involved in eTwinning since 2014. One of the most important elements of eTwinning is collaboration among teachers, students, schools, parents, and authorities.

In eTwinning we work together and organise activities for our students. Students have an active role, they interact, investigate, make decisions, respect each other and learn 21st century skills with foreign students. Every eTwinning project that we have been involved in, gave our students the opportunity to showcase a selection of best practices examples with foreign students while sharing their ideas and experiences via virtual webinars.

In doing this we ensure that the promise of change in education is maintained, so that our students are nurtured to become better people, better learners and more active citizens.

This year, our school has been awarded the 'eTwinning Schools Label' for the

Erasmus+ Project 'Smart Kids of Digital World' with Turkey, Spain and Poland as our partner countries. This means that we are promoting and recognizing the importance of the eTwinning values while embedding them in our school's policies, practice and professional development with the support of school management.







Furthermore, we are pioneers and recognised as leaders in areas such as: Digital practice, eSafety practice, Innovative and creative approaches to pedagogy, Promoting continuous professional development of staff, Promoting collaborative learning practices with staff and students. Our school is active in promoting the eTwinning values and pedagogy, whilst being a point of reference for our local community and represent a model for other schools. The eTwinning School Label, recognises and appraises the involvement, commitment and dedication not only of individual eTwinners, but of the whole school, where teams of teachers and school leaders work together. We work together as a team and plan pedagogical activities, share our experiences and practices with colleagues, both inside and outside our school. We share our strengths and provide a wider and richer educational experience for all.  Therefore, we collaborate on providing an eTwinning action plan and use it to drive innovation and change in our school and beyond.



## Kitbiet mill-istudenti tas-6 sena mill-iskola ta' Bormla

### Il-klassi tas-Sa. Brigette Buttigieg



U sena skolastika oħra reġgħet ġiet fi tmiemha. Ma kinitx sena faċli, la għalina l-istudenti, la għall-għalliema tagħna u wisq inqas għall-ġenituri u l-kuraturi tagħna. Kienet sena li offritilna ħafna sfidi, li permezz tagħhom aħna l-istudenti tgħallimna ħafna. Għalkemm konna nattendu skola ġurnata iva u ġurnata le, xorta lħaqna lestejna s-sillabu kollu u għamilna wkoll eżamijiet tal-benchmark. Minn jaf kif morna!



Matul din is-sena tgħallimna ħafna affarijiet ġodda. Tgħallimna nużaw il-kompjuter sew, għal-lezzjonijiet online u mexxejna wkoll fis-suġġetti kollha akkademiċi. Għamilna ukoll proġetti individwali fil-klassi. Għamilna ħafna ħbieb ukoll, għalkemm xtaqna li kieku għamilna iżjed, iżda minħabba r-restrizzjonijiet ma stajniex. Xtaqna kieku konna klassi sħiħa, ilkoll flimkien u nżilna nilagħbu fil-bitħa lkoll flimkien bħala klassi biex ingawdu iżjed lil xulxin. Xtaqna kieku kellna ħarġiet kulturali u aktar attivitajiet fil-klassi biex nieħdu aktar gost flimkien. Imma m'hemmx x'tagħmel! Din is-sena, il-pandemija biddlet r-rutina ta' kulħadd.



Kien hemm affarijiet li lili u lil sħabi kienu jdejquna, fosthom li kellna noqogħdu bil-maskra l-ġurnata kollha. Nafu li għall-ġid tagħna, imma li toqgħod ħames sigħat bil-maskra ma' wiċċek mhux ċajta, speċjalment waqt il-lezzjonijet tal-edukazzjoni fiżika. Ħaġa oħra li dejqitna kienet li ma kellniex lezzjonijiet tat-tisjir, tal-kompjuter, tal-mużika u tad-drama. Ħaġa oħra li mmisjajna kienet l-assembly li konna mdorrijin nagħmlu lkoll flimkien ta' kull filgħodu fil-bitħa tal-iskola. Anke l-attivitajiet 'hands on' kienu limitati ħafna matul din is-sena. Xi ħaġa li mmisjajna wkoll kienet il-mawra tagħna sal-librerija biex nagħżlu l-kotba u d-daħka ferriħija tas-sorijiet, li din is-sena ma setgħux ikunu magħna fl-iskola. Ħassejna ħafna n-nuqqas tagħhom!



Sewwa jgħidu, li meta titlef xi ħaġa tkun taf xi tlift. Aħna forsi mhux dejjem apprezzajna dak kollu li konna mdawrin bih. U din il-pandemija ġegħlitna napprezzaw aktar dak kollu li għandna madwarna.



L-aħħar sena tagħna fl-Iskola St Francis ta' Bormla ġiet fi



tmiemha. Nirringrazzjaw lil Alla li kollox għadda b'wiċċ il-ġid u minkejja d-diffikultajiet, tgħallimna ħafna, grazzi għall-Kap tal-Iskola, l-Assistenti Kapijiet u l-għalliema tagħna, li dejjem kienu ta' għajnuna kbira għalina.

***************************************************************************************************

**Il-klassi tas-Sa. Cynthia**
**Is-sena skolastika 2020-2021**



Wasalna biex nispiċċaw l-aħħar sena tagħna fl-iskola primarja. Din is-sena kienet sena differenti għal kollox mis-snin ta' qabel. Kienet sena unika! Grazzi għall-miżuri li ħadu l-Kap tal-iskola tagħna u l-assistenti tagħha, aħna l-istudenti u l-għalliema ħassejna ruħna protetti hekk kif irfisna għall-ewwel darba l-għatba tal-iskola.



Ta' kull filgħodu nsibu lil xi ħadd jilqagħna biex joħdilna t-temperatura u jara li nkunu naddafna jdejna sew. Grazzi għall-purtinara, l-iskola dejjem kienet xummiema, u għalhekk il-biżgħa li wieħed jista' jieħu xi mikrobu, rari kienet tgħaddilek minn moħħok.

Din is-sena, is-sitt sena skolastika kien fiha ħafna x'tomgħod. It-tagħlim tagħna kien ġurnata l-iskola u oħra virtwali. Kif wieħed jista' jifhem hija ħafna aktar diffiċli biex issegwi l-lezzjonijiet virtwali minn meta tkun fil-klassi mal-għalliema u tkun tista' tgħinek mal-ewwel għaliex ma tistax tifhem. Kienet grazzja kbira għall-paċenzja u d-dedikazzjoni li l-għalliema



u l-LSEs kellhom magħna biex stajna naslu għall-Benchmark. Magħhom ma rridux nħallu barra lill-ġenituri tagħna li għamlu minn kollox biex jgħinuna. X'ma għamlitx l-iskola biex tgħinna u tagħmlilna t-tagħlim aktar ħafif u attraenti! L-iskola waslet biex anke studenti vulnerabbli jaslu biex jagħmlu l-eżamijiet virtwali jew dawk li xtaqu setgħu jiġu l-iskola u jingħataw post biex ma jitħalltux ma' studenti oħra minħabba l-vulnerabbiltà tagħhom.



Iżda kif jgħid il-Malti, wara x-xita jiġi l-bnazzi. U hekk ġara, għax issa li spiċċajna mill-eżamijiet qiegħed ikollna ċans biex nagħmlu dak li matul is-sena skolastika ma tantx kien ikollna ċans għalihom bħal, krafts u tisjir.

L-aktar li ddejjaqna u bżajna matul din is-sena kienet meta xi wħud minna kienu jispiċċaw id-dar minħabba xi kwarantina. Biss

mal-ħażin hemm it-tajjeb ukoll, għaliex l-iskola meta kien ikunu hemm dawn il-każijiet, kienet tirranġa biex dawk l-istudenti ma jitilfu xejn u jidħlu għal-lezzjonijiet ma' għalliema oħra tal-istess sena. Din is-sena kienet iebsa ħafna għall-fatt li qatt ma stajna noħorġu ma' sħabna tal-klassi, kulma stajna nagħmlu hu li jkollna xi lezzjonijiet virtwali ma' nies li jaħdmu barra mill-iskola. Imma xi ngħidu għall-maskra, li kellna noqogħdu biha l-ġurnata kollha!!



Għalkemm din is-sena l-brejks kienu xi ftit itwal, xtaqna li kieku stajna ngawduhom ma' sħabna l-oħra kollha tas-sitt sena. Kemm ħassejna n-nuqqas tal-lezzjonijiet tad-drama, tal-mużika, u tal-kompjuter u ma nistgħux ninsew is-self tal-kotba mil-librerija. Xtaqna li kieku stajna mmorru għall-quddies fil-knisja u niltaqgħu ma' Fr Tonio speċjalment għas-sagrament tal-Qrar; xi kelma ta' faraġ dejjem kien lest li jagħtina.





Ma' dawn id-diffikultajiet kollha, aħna nħossu li din is-sena xorta kienet sabiħa u memorabbli għax inzertajna fi grupp li tassew konna nirrispettaw lil xulxin u naqblu ħafna.

Nixtiequ nieħdu din l-okkazjoni fejn ngħidu grazzi mill-qalb lill-istaff kollu tal-iskola, lil Fr Tonio u lis-supervisors li din is-sena ħadu ħafna paċenzja bina. Grazzi!!

*****************************************************************************************************************************

**Il-klassi tas-Sa. Franklan Debono**

**Kieku jkollok tiddeskrivi din is-sena skolastika f'kelma waħda din xi tkun?**




Fost dawn l-emozzjonjiet kollha t-tfal qajmu diversi punti u sitwazzjonjiet ġodda li kell-hom matul din is-sena. Kien hemm affarijiet tajbin iżda kien hemm ukoll sitwazzjonijiet li t-tfal ħassew skomdi fihom u xi kultant anke diffiċli. Fost dawk pożittivi kien hemm:

- Li kellhom aċċess kontinwu għall-affarijiet u riżorsi tal-lezzjonijiet
- Li l-lezzjoni meta jkunu onlajn kienet tiġi rrekordjata, għalhekk setgħu jmorru lura u jerġgħu jisimgħu l-ispjegazzjoni tal-għalliema.

- Kien hemm indafa kbira ġewwa l-iskola.
- Minħabba l-użu tal-maskli u iġene ikbar ma kienx hemm mard.
- Minħabba l-użu tat-TEAMS setgħu jkollhom kuntatt kontinwu mal-għalliema.
- Tgħallmu iktar jużaw applikazzjonijiet tal-internet u fuq il-kompjuter biex b'hekk ikunu jistgħu jagħmlu xogħol iktar preżentabbli

Iżda t-tfal ħassew li taħt din is-sitwazzjoni kien hemm iktar affarijiet li ħassewhom diffiċli. Fosthom:

- In-nuqqas ta' mobiltà
- Li kienu jaraw biss nofs il-klassi
- Li meta jkunu l-iskola ma setgħux jagħmlu xogħol f'pari jew fi gruppi
- Li lill-għalliema kienu jarawha biss darba iva u darba le
- Li ma kienx hemm ħruġ u attivitajiet
- Li ma sarx il-kunċert u l-assemblies barra
- Meta jkunu onlajn kienu ġieli jkunu waħidhom id-dar
- Li meta jkunu onlajn kien ikun hemm il-ġenituri magħhom li l-ħin kollu jikkoreġuhom huma u l-ħin kollu attenti x'jagħmlu. Ma kinux iħossuhom liberi li jitgħallmu kif jixtiequ.
- Ħafna drabi kien jinqata' l-internet u jitilfu l-lezzjoni u din tiffrustrahom ħafna.
- Brejks ġewwa u nuqqas ta' logħob u attivitajiet.
- Ma sarux il-lezzjonjiet tal-kompjuter u tal-mużika.
- Ma setgħux iżejnu l-klassi.
- Iżda fuq kollox, l-iktar ħaġa li dejqet lill-istudenti kienet is-sigħat twal li riedu jagħmlu bil-maskla.

Għalkemm kienet sena b'differenza kbira, kienet ukoll sena li għaqqditna flimkien u tgħallimna iktar il-valur tas-saħħa u kemm kollha għandna bżonn ta' xulxin.

************************************************************************************************************************



***Ikel Frisk mill-Iskola ta' San Franġisk***

**Proġett tal-Iskola St. Francis Birkirkara, bl-għan li jgħin il-Community Chest Fund**

**Is-Sa. Daniela Demicoli (Kap tal-iskola)**

M'hemmx sodisfazzjon akbar għalina l-edukaturi milli meta naraw l-istudenti għeżież tagħna jimirħu 'l barra mis-suġġetti akkademiċi u jagħtu sehemhom f'attivitajiet ekstra-kurrikulari. Dan ħafna drabi hu l-ewwel pass li jressaqhom lejn involviment f'għaqdiet volontarji meta jikbru.

Wieħed mill-gruppi volontarji fl-iskola, li għalih jattendu għadd ġmielu ta' studenti minn kull sena, hu dak tal-Ekoskola. Din is-sena apprezzajna l-involviment taċ-ċkejknin tagħna f'dan il-grupp aktar minn qatt qabel, għax saħansitra, minħabba




r-restrizzjonijiet marbuta mal-pandemija, kellna niltqagħu virtwalment filgħaxijiet. Minkejja dan in-numru sabiħ ta' tfal qatt ma naqas.

Titpaxxa mbagħad tismagħhom joħorġu b'tant u tant ideat sbieħ u b'għan nobbli, fosthom l-idea li nippubblikaw ktieb tar-riċetti, mit-tfal għat-tfal, li l-qligħ tal-bejgħ tiegħu seta' mbagħad imur biex jgħin lil dawk fil-bżonn. Meta tqis li dawn it-tfal huma l-mexxejja ta' għada, timtela bil-kuraġġ li l-pedament hu daqstant fis-sod!


*Dip* tat-Tonn taż-Żejt

Riċetta ta' **Amber Richard** mit-Tielet Klassi tal-Primarja

Ingredjenti:
2 bajdiet iebsa
Bott tonn taż-żejt kbir
2 tadamiet imqaxxra
Basla żgħira
Sinna tewn
Żebbuġ iswed
Kappar
Tursin

Metodu:
Poġġi l-ingredjenti kollha ġo kontenitur u itħan kollox fil-*blender*. Jekk tara li t-taħlita tiġi ftit xotta żid ftit żejt taż-żebbuġa jew ħall balsamiku. Ma' dan id-*dip* tista' tqatta' ftit strixxi tal-karrotti, ħjar, bżar ikkulurit, karfus u ħaxix nej li tħobb flok tuża galletti.

Ikel Frisk
mill-Iskola ta' San Franġisk 15

Fil-pront, it-tim tal-Ekoskola, midd idu għax-xogħol, u stieden lill-istudenti l-oħra sabiex jibagħtu r-riċetti. Dawn fil-pront laqgħu l-isfida, u bi ħġarhom daħħlu tant riċetti bnina u sustanzjużi. Hawn ma nistax ma nirringrazzjax lill-għeżież ġenituri, li kienu ta' sosten għall-istudenti tagħna, u li kkollab-oraw fil-pront meta tlabna l-għajnuna tagħhom. Saħansitra, fuq jumejn biex irrispettajna r-restrizzjonijiet marbuta mal-pandemija, ġew bil-platti mżejna, sabiex il-fotografu seta' jieħu r-ritratti professjonali. Anke xi għalliema daħħlu għadd ta' riċetti tajbin.

It-tim tal-Ekoskola nieda wkoll kompetizzjoni għall-isbaħ faċċata u l-aqwa titlu tal-ktieb. Mill-ġdid l-istudenti urew ħeġġa kbira u xejn ma kien faċli sa ma għażilna, għax ix-xogħol kien mill-aqwa!

Malli l-iskola esprimiet ix-xewqa li tgħin lil min hu anqas ixxurtjat, dlonk żewġ ġenituri ffaċilitaw kollaborazzjoni flimkien mal-Uffiċċju tal-President. Wara laqgħa mas-Sinjura Vella, mart il-President ta' Malta, li laqgħetna b'tant ħlewwa flimkien mat-tim tagħha, il-ħolma tagħna saret realtà.

Issa jmiss l-isfida, li nbigħu kotba kemm nifilħu, sabiex b'hekk inkun għinna l-Community Chest Fund tilħaq numru kbir ta' nies fil-bżonn! Il-ktieb, Ikel Frisk mill-Iskola ta' San Franġisk, jista' jinxtara għall prezz ta €5, mill-iskola stess, bejn is-sebgħa ta' filgħodu u s-siegħa ta' waranofsin-har, jew billi ċċemplu fuq 21442205 fl-istess ħinijiet. F'isem l-istudenti, l-għalliema, il-ġenituri u l-SLT, li flimkien niffur-maw il-familja ta' St. Francis Birkirkara, nirringrazzjakom bil-quddiem tal-għajnuna u l-ġenerozità tagħkom!


Ħobża Mixwija bil-Bajd

Riċetta ta' **Geneve Joy Sammut** mill-Ħames Klassi tal-Primarja

Ingredjenti:
2 bajdiet imħabbta
2 *slices* ħobż
*Slice* ġobon
Kuċċarina butir

Metodu:
Ħoll ftit butir ġo taġen żgħir u ħabbat il-bajd. Aqlihom u sakemm qed isiru poġġi l-ħobż ġol-bajd. Importanti li l-ħobż jixxarrab sewwa bil-bajd. Meta jsir il-bajd, poġġi l-ġobon fuq il-ħobż. Itwi l-bajda fi tnejn biex il-bajda tgħatti l-ħobż u b'hekk il-mili jiġi l-ħobż u l-ġobon.

14 Ikel Frisk
mill-Iskola ta' San Franġisk

**Lill-Klassi tiegħi tas-6.2 (2020-2021)**
**Miktuba minn Ms Marisa**

Fil-klassi kontu tnejn u għoxrin
Ħafna bil-għaqal, ftit imqarbin,
Paċenzja kelli għal ma' kulħadd
B'kuntatt ħin kollu mit-Tnejn sal-Ħadd.

Amy Abdilla kwieta kemm trid
Kif tibda tidħaq fiha salib,
Yelenia ħelwa ma tismax ħossha
Biex tkellmek lura tagħmel xi mossa.

Amberley kienet ix-xwejħa tagħna
Daqqa ddaħħaqna jew tinkwetana,
Ellie petita u edukata
Minn tal-Mcdonalds tħobb il-patata.



Didier mill-bidu kien ferm attent
Ma' Ms Graziella ħadem kuntent.
Gabriel mimli informazzjoni,
Għal kull problema jsib soluzzjoni.

Clichan minn tagħna, kemm hu ċajtier,
Iħobb idaħħaq, ma jħobbx l-inkwiet.
Kimberley kwieta u ta' ftit kliem,
Tħobb is-Suduko, basta fis-skiet.

Emma u ż-żwiemel huma ħbieb kbar,
Dalwaqt tgħaddini għax hi mit-twal,
Abigail taħdem b'kemm għandha saħħa,
Biss ara jkollok din xi tgħid magħha.

Chloe tan-nokkli ħabbtitni ftit
Għax minn ħarufa ġiet qisha għafrid!
U Kyra tgħallem b'dedikazzjoni
Daqs l-aqwa għalliema ttik spjegazzjoni.

Matthew jinkwieta ħafna mhux ftit
Iħobb il-paċi, mhux id-diżgwit,
Matthias huwa xi ftit fuq tiegħu
Imma minn tagħna, tgħaddiha miegħu.

Amy l-Għawdxija kemm niggustaha
B'dak l-aċċent Għawdxi hi unika,
U Etienne tagħna illużjonist
Kemm hu kapaċi, perfezzjonist!



Kelsey iż-żgħira tal-klassi kollha
Daqqa tkun kwieta, daqqa timmolla,
Julia b'karattru kwiet u ferrieħ,
Dejjem attenta, dejjem tisbieħ.



U Lenya ħelwa, din ballerina,
B'kitba pulita, sabiħa u fina.
Cain l-espert tagħna fit-Taekwondo,
Oħtu u hu, id-di u d-do!

U Skye matura, ma tgerger f'xejn
Tinkwieta żżejjed, m'għandhiex għalfejn!
Martina ddaħħqek xħin tkun storbjuża,
Dejjem ferħana, kemm hi gustuża!



Hemm semmejtilkom tnejn u għoxrin
Bdew b'ħafna għaqal, issa mqarbin.
Kburija bihom kollha kemm huma
Se nimmisjawhom meta jħalluna.



Jien ma rridx ninsa lil Ms Louise,
Din ġmielha tidħaq, dejjem at ease!
U Ms Graziella tħobb wisq lil żaqqha,
Dejjem twaqqagħna fid-dnubiet magħha!

Jien Ms Marisa xi ftit storbjuża
Niċċajta magħkom għax inkejjuża,
Se tibqgħu f'qalbi t-tnejn u għoxrin,
Grupp tal-ġenn kollha (imma mqarqċin!)

“Tafdax fik innifsek, imma nissel kunfidenza bla tarf f’Alla!”

Venerabbli Qaddejja T’Alla
Madre Margerita

Sorijiet Franġiskani
tal-Qalb ta’ Ġesù